# Il-Ħadd 30.11.2014

1. Illum, 30/11, **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:-
   - Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

2. It-Tnejn 1/12:-
   - Fis-6:00pm issir Rehearsal tal-carols tal-puċissjoni bil-Bambin għat-tfal bniet fil-MUSEUM tal-bniet stess.

3. L-Erbgħa 3/12:-
   - Mill-5:15pm sas-6:00pm jiltaqa' l-Kor tat-tfal 'Kreattiv'.

4. Il-Ħamis 4/12:-
   - Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju tal-Virtù, r-Rabat. Jibda b'quddiesa fid-9:30am u fis-6:30pm ikun hemm adorazzjoni u quddiesa mas-seminaristi.

5. Il-Ġimgħa 5/12, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:-
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

6. Il-Ħadd 7/12, **it-Tieni Ħadd tal-Avvent**:-
   - Il-ġabra fil-quddies tkun il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr ta' San Pawl.

7. Il-Ħamis 11/12:-
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Ikollna Quddiesa u wara *buffet lunch* f'lukanda l-Mellieħa. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

8. Infakkru li bħas-snin ta' qabel, il-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Kalendarju bl-attivitajiet Parrokkjali għas-sena 2015. Dawk interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.

9. Fejn il-bibien tal-knisja hemm min qed ibiegħ biljetti tal-lotterija b'risq il-manutensjoni tal-knisja.

10. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
    - € 620 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi.

11. Nitolbu għal Pawlu Dalli li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
    Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...